# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 23 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 23/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Hamis, 15 ta' Dicembru 2011 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joe Spiteri | V/Sindku Valletta |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Stephen Caruana | Sindku M' Xlokk |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Isla
Sindku Zejtun
Sindku Kalkara
Sindku Paola

**Assenti :**
Sindku Floriana

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-7.00pm.

**23.1** **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Laqgha Regjonali precedenti, ie dik mghajta fit-22 ta' Novembru 2011 ma setghetx issir peress li ma kienx hemm *quorum*.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 21/2011 mizmuma fis-24 t' Ottubru 2011, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, waqt li gew pprezentati wkoll il-minuti tal-Laqgha Nru 22/2011 mizmuma fit- 28 ta' Novembru 2011 (fejn ma kienx hemm quorum) - u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23.2 <u>Punti Mqajjma</u>**

Ta' min jinnota li prezenti ghal din il-parti tal-laqgha (LES) kien hemm mistieden l-Authorised Officer tar-Regjun, is-Sur John Bonavia.

23.2.1 **LES** LES

23.2.1.1. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti, li minn naha taghha abbozzat ir-rapport finali u issa qed tistenna li tghaddih ghall-approvazzjoni tal-Adjudication Committee kif ukoll lill-Avukat tar-Regjun ghal-kummenti legali tieghu. Wara ghanda tissejjah laqgha straordinarja fejn tlaqqgha lil-Kumitat Regjonali biex jigi prezentat dan l-istess rapport. Tender

23.2.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li permezz ta' *e-mail* waslitilha invoice minghand Guard & Warden Service House Ltd ghal servizz mghoti fil-Belt Valletta waqt l-attivita kulturali *Notte Bianca*. Dawk prezenti qabblu unanimament li spejjez relatati ma' attivitajiet organizzati mill-Gvern centrali u / jew minghajr l-approvazzjoni tar-Regjun, m' ghandomx ikunu a spejjez tar-Regjun. Ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tikkomunika ma' din il-kumpanija biex isir maghruf min talab ghal dan is-servizz tal-Wardens (TMS). Notte Bianca
Ta' min jinnota li ma kienet saret l-ebda talba lir-Regjun f' dan ir-rigward - ghalhekk mhux ser ikun ir-Regjun li ser ihallas.
Il-Vici Sindku tal-Belt Valletta qal li l-Kunsill Lokali kontribwixxa logistikament b' koperazzjoni mal-Gvern centrali f' din l-attivita'.
Hawnhekk issemghew attivitajiet li ser jinzammu fil-futur qarib, cioe' dawk tal-ewwel tas-sena organizzati mill-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta u tal-Furjana. Dawk kollha prezenti qabblu li spejjez relatati ma' attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali ghandhom ikunu a spejjez taghhom stess.

23.2.1.3 Tkellem is-Sindku ta' Marsaxlokk dwar invoice li rcieva l-Kunsill tieghu minn ghand il-kuntrattur li turi zieda fil-prezzijiet. L-Authorised Officer prezenti fiehem lil dawk prezenti li f' dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk talab servizz ta' TMS *over and above* ta' dak msemmi fil-kuntratt mal-kumpanija Sterling Services Ltd, u cioe' li ssir ir-rassenja tal-hawkers. Qed isir servizz komplut mill-kumpanija skond il-kuntratt ezistenti ghalhekk dan il-hlas rikjest hu gustifikat u ghandu jithallas minn dan l-istess Kunsill. TMS M'Xlokk
Wara din l-esperjenza, kulhadd qabel li ghanda ssir diskussjoni u tinhareg direttiva Regjonali sabiex rikjesti simili jkunu taht il-kontroll tar-Regjun u l-Authorised Officer Regjonali. Ghalhekk ghandha ssir sistema Regjonali ghall-ordnijiet ta' serivizz ta' wardens u jigi evitat li jkun hemm xi Kunsilli Lokali li jigu pregudikati minn nuqqas ta' servizz. Din il-kwistjoni ghandha tinghata prijorita u titpogga fuq l-Agenda li jmiss.

23.2.1.4 Rigward invoice ohra tal-kumpanija Sterling Service Ltd (135586) tal-5 t' Ottubru 2011 dwar installazzzjoni ta' CCTV Camera fil-Fgura, dawk prezenti qabblu li l-istallazzjoni tal-camera m' ghandux ihallasa r-Regjun u dan skond id-dokument tat-tender Artiklu 30.1 – Specific Conditions of Contract – fejn hemm stipulat li spejjez tal-istallazjoni tal-kamera huma a kariku tal-istess Agenzija. Installazzjoni ta' Camera

23.2.1.5 Giet prezentata ittra mibghuta mill-Kunsill Lokali tal-Furjana li ggib id-data tal-25 t' Ottubru 2011, li kella dokument anness maghha mibghut minn *Aequitas Legal*, avukati ta' Aurelia Enforcement Ltd, dwar is-sistema tal-infurzar lokali u t-tender relattiv pendenti, fejn gew mitluba kienux bi hsiebhom jkomplu jonoraw il-kuntratt relattiv peress li ser ikun *esposti ghal proceduri ta' ksur ta' kuntratt u konsegwentement ghal* Ittra minn - *Aequitas Legal*

*ħlas ta' eventwali danni*.
Il-President informa lil dawk presenti li r-Regjun bi ħsiebu jonora l-kuntratti relattivi li ser ikunu ghadhom *in vigore* mal-ghotja ta' dan it-Tender.

23.2.1.6 Rigward id-depoziti li jsiru mill-Kunsilli Lokali, l-Authorised Officer qal li l-magoranza tal-Kunsilli Lokali jiddepozitaw fiz-zmien stipulat fil-Memo 91/2011. Irrizulta izda li hemm Kunsilli Lokali partikolari li jiddepozitaw wara bosta gimghat ghal ragunijiet li jafu huma, bi ksur tar-regoli finanzjarji. Il-President wissa li mill-1 ta' Jannar 2012, dawk il-Kunsilli li ma jiddepozitawx fil-hin stipulat jista jkollhom l-allokazzjoni mnaqqsa. Kunsilli li ma jiddepozitawx ser ikollhom persentagg dedott mill-10% dovut lilhom fuq l-ammont ta' kontravenzjonijiet imhallsin ghandhom favur ir-Regjun. 10% Commission

23.2.1.7 Datatrak prezentat abbozz ta' kuntratt gdid biex tipprovdi servizz lir-Regjun. Mad-daqqa t' ghajn jidher li hemm xi punti krucjali li ma jolqtux tajjeb lir-Regjun u li ser jigu diskussi bejn is-Segretarju Ezekuttiv u l-Authorised Officer. Wara ssir korrispondenza mal-kumpanija imsemmija. Kuntratt Datatrak

23.2.1.8 Datatrak baghtet invoices ghas-servizzi taghha li ma kienu xejn favur ir-Regjun li gie delegat bis-sistema tal-infurzar mill- 1 ta' Settembru 2011. Dan ghaliex Datatrak qed tghodd il-kontravenzjonijiet kollha li qatt saru fil-Kunsilli Lokali ta' dan ir-Regjun u mhux bdiet mill-ewwel kontravenzjoni kommessa fir-Regjun fl-1 ta' Settembru 2011. Ghanda ssir korrispondenza mal-kumpanija f' dan ir-rigward. Wiehed irid jara wkoll il-kriterji tal-kwoti - dawk mahruga mill-Pulizija u dawk mahruga mill-Wardens. Invoices Datatrak

23.2.2 **Ufficju Regjonali** Ufficju Regjnoali
Ghaddeja korrispondenza mad-Dipartiment dwar l-ufficcju Regjonali.
Il-qaghda finanzjarja tar-Regjun hi veru prekarja tant li ma jistghux jithallsu il-maggoranza tal-invoices. Ir-Regjun ser ikollu ufficcju tieghu probabilment ghal Jannar 2012, ghalhekk talab lid-Dipartiment biex ihallaslu parti mill-kera li ser tkun dovuta kif ukoll li jipprovdi ghamara. *E-mail* mibghuta mid-Dipartment lis-Segreatrju Ezekuttiv fit-28 ta' Novembru 2011, kienet tghid
'*Nirreferi għall-e-mails tiegħek dwar il-ħlas tal-kera tal-uffiċju l-ġdid tar-Reġjun kif ukoll għax-xiri ta' għamara għal dan l-uffiċċju.*
*Bħal ma taf, id-Dipartiment kien ipprovda ufficcju bl-għamara għall-użu tar-Reġjun u kien ir-Reġjun tagħkom illi iddeċieda illi jiċċaqlaq minn dan l-uffiċċju.*
*Għaldaqstant issa huwa r-Reġjun li jrid jagħmel tajjeb għall-ispiża li din il-bidla se tiswa.'*
Is-Segretarju Ezekuttiv regghet ghamlet tentattiv iehor u qed tistenna risposta. Ta' min jinnota li r-Regjun qatt ma kien ufficjalment mgharraf mid-Dipartiment b' xi lok minn fejn seta' jopera, ahseb u ara b' ufficcju bl-ghamara.

23.2.3 **Logo ghar-Regjun** Logo
Gie pprezentat l-abbozz tal-logo/emblema li pprepara s-Sur Adrian Strickland, li gie mqabbad mid-Dipartiment biex johloq abbozz iehor. Sal-lum ghadu mhux mgharuf jekk il-logo abbozzat mis-Sur Anthony Degiovanni, li kien hemm qbil unanimu dwaru mill-Kumitat Regjonali, kienx accettat jew le mid-Dipartiment.
Dawk prezenti talbu li dan il-logo propost mis-Sur Strickland jintbaghtilhom permezz ta' e-mail ghall-kummenti u s-suggerimenti taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv ser tibghat dan il-logo b' *e-mail* ghada filghodu.

**23.3** **Affarijiet Finanzjarji**

23.3.1 **Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentat Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

23.3.2 Is-Sindki gew mgharrfa li r-Regjun mhux ilahhaq ma' l-ispejjez dovuti peress li s-sistema tal-LES ghada mhiex tiggenera bizzejjed biex tibbilancja dawn l-ispejjez. Hemm ukoll certi Kunsilli Lokali li mhux jiddepozitaw il-flus migbura minnhom favur ir-Regjun fiz-zmien stipulat mir-regolamenti finanzjarji. Invoices mhux imhallsa

Il-fornituri tas-sistema tal-LES gew ikkuntatjata mis-Segretarju Ezekuttiv u bi ftehim verbali qed jigu mhallsa parti biss mill-invoices taghhom.

**23.4** **Affarijiet Ohra**

23.4.1 **MEPA** MEPA

Saret referenza ghal-laqgha li l-President kellu mac-Chairman tal-Mepa u dan wara li r-Regjun, permezz ta' e-mail mibghuta fis-7 ta' Novembru 2011, kien talab lill-Kunsilli Lokali jghaddulu *issues* li setgha ghandhom mal-Mepa biex setghu jigu diskussi fil-laqgha li nzammet fil-11 ta' Novembru 2011. Irrispondew biss il-Birgu, l-Isla u l-Marsa.

Gie deciz li jintbaghatu wkoll pjanti u ritratti li jghatu indikazzjoni tal-lokazzjoni b' *e-mail* ta' plots mhux zviluppati – ta' min jinnota pero li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali diga' ghandhom dan it-tip ta' kommunikazzjoni mal-MEPA.

23.4.2 **Dwal tat-Toroq** Dwal tat-Toroq

Saret referenza ghall-*email* li ntbaghtet mir-Regjun fis-7 ta' Novembru 2011, dwar spejjez li ghamlu l-Kunsilli tar-Regjun, fir-rigward ta' tiswijiet ta' bozoz tat-toroq fis-sena 2010. Irrispondew lura biss il-Birgu, l-Isla, Haz-Zabbar, il-Fgura, il-Kalkara, il-Marsa, Marsascala, Marsaxlokk, Paola, Tarxien u x-Xghajra.

Dan b' anticipazzjoni li ser ssir id-delega ta' dawn favur ir-Regjuni fix-xhur li gejjin.

23.4.3 **Mozzjoni favur is-Sindku ta' Bormla** Mozzjoni

Is-Sindku tal-Marsa ressaq mozzjoni ta' solidarjeta' u sapport mas-Sindku ta' Bormla.

Din gie sekondata mis-Sindku ta' Marsascala. Dawk kollha prezenti taw l-appogg taghhom. Is-Sindku ta' Bormla irringrazzjom tal-fiducja.

**23.5** **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-9.30pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum ____________________ (Jum), ________ (Data) ta'________________________ (Xahar) 2011.